**NOMINA TA' DOTT MARIA ĊARDONA ĦALL-ĦATRA**
**TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦAL-LATVJA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X'taħseb li huma l-isfidi li għandha l-Latvja? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż? X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Ambaxxatur?

   *Waħda mill-isfidi li qed tirrinfaċċja l-Latvja hi l-effett li l-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna qed tħalli fuq dan il-pajjiż. Il-pożizzjoni li l-Latvja ħadet kontra r-Russja qed tħalli l-effetti tagħha fuq il-Latvja. Ir-riċessjoni hi waħda mill-konsegwenzi li ġabet magħha il-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna li qed taffettwa wkoll l-ekonomija ta' dan il-pajjiż. L-inflazzjoni kawża tal-prezzijiet taż-żejt affetwat lil-Latvja li terġa' tistabilizza meta u jekk il-prezzijiet taż-żejt jerġgħu jorħsu. L-inflazzjoni ġabet magħha wkoll żieda fil-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija. Din is-sitwazzjoni qed twassal ukoll għal inċertezza f'dak li hu investiment kemm lokali kif ukoll barrani fil-pajjiż.*

   *Sfida oħra li tirrinfaċċja l-Latvja hi l-immigrazzjoni rregolari. Bħal Malta l-Latvja hi safe port għal immigranti rregolari. Din il-kwistjoni tiddependi wkoll fuq diversi fatturi, kemm politiċi u fatturi li jemerġu minn pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea.*

   *Żjarat reċiproċi bejn dawn iż-żewġ pajjiżi jwasslu għal titjib fil-qasam politiku u soċjali u billi jiġu identifikati opportunitajiet ġodda li jibbenefikaw lil Malta u lil-Latvja.*

2. Bħala Ambaxxatur mhux residenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn l-Ungerija u Malta rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

   *Aktar nasal ngħid li jeżistu aspetti komuni li jridu jiġu indirizzati fosthom dawk soċjali, kummerċjali u ekonomiċi. Malta u Latvja huma Stati membri tal-Unjoni Ewropea u bħala stati membri huma soġġetti għal regoli komuni. Hemm l-isfida ta' tibdil fil-klima li hi fuq il-lista ta' kull membru Ewropew inklużi Malta u Latvja. Problema komuni oħra hi dik tal-immigrazzjoni u l-integration tal-immigranti irregolari, kif semmejt aktar 'il fuq. Jeħtieġ li pajjiżi bħal Malta u Latvja jingħataw aktar għajnuna mill-Istati membri u mill-Unjoni Ewropea.*

3. X'taħseb li huma n-niċeċ ekonomiċi u kummerċjali li nistgħu insibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-Latvja? Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

   *Diga jeżisti niċeċ ekonomiċi u kummerċjali bejn Malta u Latvja. Matul is-sena 2022, Malta esportat total ta' miljun, żieda minn €0.8 miljun matul is-sena 2021, mentri l-importazzjoni mil-Latvja lejn Malta kienet ta' €6.1 miljun, minn €5.7 matul is-sena 2021.*

*Esportazzjoni ta' arloġġi u prodotti farmaċewtiċi, mentri l-importazzjoni hi fuq makkinarju elettroniku u ċereali. Hemm diversi ċommodities oħra li jiġu importanti ġewwa Malta mil-Latvja. In-nefqa prinċipali hi fuq iċ-ċereali u l-makkinarju.*

*Kumpaniji Maltin għandhom investimenti ġewwa l-Latvja. Il-Kumpanija Mariner li ilha dawn l-aħħar 25 sena topera ġewwa l-Freeport ta' Riga. Ilha mis-sena 1996 u llum hi waħda mill-akbar kumpaniji ġewwa dan it-terminal fl-istat Baltiku. Il-kumpanija Hili Properties, li hi s-sussidjarja ta' Hili Ventures għandha diversi kumplessi kummerċjali ġewwa l-Latvja u Premier Capital, kumpanija sussidjarja oħra ta' Hili Ventures għandha wkoll xi ristoranti.*

*Mariner Finance (kumpanija oħra ta' Hili Group) għandha branch ġewwa l-Latvja li tinsab fil-parti l-qadima fiċ-ċentru ta' Riga u tippossjedi u topera binja ta' ċirka 4,000sqm li tinkera lil terzi persuni.*

4. Tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

   *Li ser isegwu huma t-trattati li hemm preżentament bejn Malta u l-Latvja –*

   - *Cooperation Agreement on Combatting Terrorism, Illicit Trafficking in Narcotic Substances and Organised Crime, iffirmata 24 ta' Lulju, 2008 u daħal fis-seħħ 23 ta' Jannar, 2009;*

   - *Protocol of Cooperation between the Ministry of Foreign Affairs of Malta and the Ministry of Foreign Affairs of Latvia, iffirmat fil-21 ta' Settembru, 2006;*

   - *Agreement between the Government of Malta and the Government of the Republic for the Avoidance of Double Taxation and the Prevention of Fiscal Evasion with Respect to Taxes on Income, iffirmat 22 ta' Mejju, 2000 u daħal fis-seħħ fl-24 ta' Ottubru, 2000;*

   - *Agreement on Mutual Abolition of Visa Requirements, iffirmat fil-15 ta' April 1998;*

   - *Agreement on Co-operation in the Field of Tourism, iffirmat 15 ta' Ottubru, 1999 u daħal fis-seħħ fis-17 ta' Diċembru, 1999.*

5. Kif tara li Malta u l-Latvja jistgħu jikkollaboraw, b'mod partikolari fuq l-aspett tas-servizzi li fil-Latvja hija l-ikbar settur ekonomiku? Tara li hemm lok fejn b'xogħlok Bħala Ambaxxatur tkun tista' tħeġġeġ kollaborazzjoni f'dan is-settur?

*Malta u Latvja huma żewġ pajjiżi li joffru kultura vasta. It-turiżmu kulturali huwa at the forefront f'Malta u Malta hija hub għal studenti barranin fejn jidħol it-tagħlim tal-lingwa Ingliża. Hawn għexieren ta' skejjel li jgħallmu l-lingwa Ingliża u li issa li l-pandemija għaddiet, jistgħu jerġgħu jibdew jirrekordjaw in-numri ta' studenti kif kienu jirrekordjaw qabel il-pandemija. Minn dan l-aspett Malta u l-Latvja jistgħu jikkollaboraw u jkun hemm kampanji promozzjonali sabiex issir promozzjoni fuq dan is-settur. Il-EUNIC li tagħha kemm Malta u kemm il-Latvja huma membri jgħaqqad lil dawn iż-żewġ pajjiżi ma' pajjiżi oħra u permezz ta' network kull pajjiż jippromwovi l-kultura, u l-aspetti l-oħra dwar international relations.*

*Ir-rwol ta' Ambaxxatur iservi wkoll biex bejn Malta u f'dan il-każ il-Latvja tinbena relazzjoni tajba fejn Malta u Latvja jkunu jistgħu jaħdmu u jikkolaboraw flimkien fuq setturi li jkunu ta' benefiċċju għal xulxin.*

6. Tista' telabora ftit iżjed fuq il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

   *Ngħid li qatt ma kont parti mill-Korp Diplomatiku jew parti mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.*

   *Qatt ma kont parti mill-Korp Diplomatiku. Din se tkun esperjenza u sfida ġdida għalija. Napprezza li dan huwa inkarigu delikat li jirrikjedi negozjati kontinwi bejn iż-żewġ sfidi. Ċerta li l-karriera tiegħi ser tkun ta' benefiċċju għal din il-kariga f'każ li niġi magħżula bħala ambaxxatur mhux residenti.*

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Tista' tispjega x'passi taħseb li għandhom jittieħdu sabiex jissodaw iktar ir-relazzjonijiet ta' pajjiżna mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

   *Nemmen li hemm diversi passi li għandhom jittieħdu li għandhom iwasslu biex jissodaw ir-relazzjonijiet bejn Malta u Latvja.*

   *Fuq l-aspett **edukattiv**, żgur li Malta għandha ħafna x'toffri u viċe versa l-Latvja lil Malta. Boroż ta' studju minn u għal-Latvja, programmi ta' edukazzjoni li jistgħu jiġu introdotti sabiex iħajru student jżuru dan il-pajjiż u studenti mil-Latvja jżuru lil Malta għall-istess għan. Dan mhux biss fuq livell terzjarju, iżda wkoll studenti li qegħdin fil-livell sekondarju.*

   ***Trattati** – jiġu esplorati trattati ġodda bejn Malta u l-Latvja biex itejbu n-negozjati bejn Malta u Latvja.*

   ***Skambji politiċi** – aktar żjarat kif riċentament kien hemm mill-President ta' Malta f'Marzu.*

2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

   *Kif diġà elenkajt fit-tweġiba tiegħi numru wieħed aktar 'il fuq waħda mill-isfidi li qed tirrinfaċċja l-Latvja hi l-effett li l-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna qed tħalli fuq dan il-pajjiż. Il-pożizzjoni li l-Latvja ħadet kontra r-Russja qed tħalli l-effetti tagħha fuq il-Latvja. Ir-riċessjoni hi waħda mill-konsegwenzi li ġabet magħha l-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna li qed taffettwa wkoll l-ekonomija ta' dan il-pajjiż. L-inflazzjoni kawża tal-prezzijiet taż-żejt affetwat lil-Latvja li terġa' tistabilizza meta u jekk il-prezzijiet taż-żejt jerġgħu jorħsu. L-inflazzjoni ġabet magħha wkoll żieda fil-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija. Din is-sitwazzjoni qed twassal ukoll għal inċertezza f'dak li hu investiment kemm lokali kif ukoll barrani fil-pajjiż.*

   *Sfida oħra li tirrinfaċċja l-Latvja hi l-immigrazzjoni rregolari. Bħal Malta, il-Latvja hi safe port għal immigranti rregolari. Din il-kwistjoni tiddependi wkoll fuq diversi fatturi, kemm politiċi u fatturi li jemerġu minn pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea.*

3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

   *Fost l-interessi komuni li Malta u l-Latvja iħaddnu hemm:*

   ***It-tibdil fil-klima*** *– l-effetti tat-tibdil tal-klima jinħass ukoll ġewwa l-Latvja bħal ħafna mill-pajjiżi tal-Ewropa inkluża Malta. Ċertament li jeżisti qbil bejn Malta u l-Latvja sabiex din il-problema tiġi u qegħda tiġi indirizzata mhux biss bejn il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea iżda anke globalment.*

   ***It-Turizmu*** *– Malta u l-Latvja jgawdu minn kultura vasta. Żewġ pajjiżi mimlija bi storja rikka u żgur li skambju bejn Malta u l-Latvja jkun ta' interess u ġid bejn iż-żewġ pajjiżi. Il-Latvja wkoll igawdi minn rekord ta' viżitaturi, liema settur turistiku jiġġenera perċentwal kbir mill-impjigi fil-pajjiż. Ikun interessanti jekk Malta u Latvja jesploraw aktar il-possibilitajiet li jeżistu sabiex ikabbru dan is-settur permezz ta' kampanji promozzjonali u skambji.*

   ***Żvilupp ekonomiku****. Kemm Malta u kemm il-Latvja għandhom interess komuni dwar kif jistgħu jiżviluppaw l-ekonomija tal-pajjiż permezz ta' investiment barrani u dak lokali. Bejn iż-żewġ pajjiżi jista' jkun hemm trade missions sabiex tiġi esplorata din il-possibilità.*

   ***L-Unjoni Ewropea*** *– interess komuni ċertament li hu l-immigrazzjoni rregolari li huwa suġġett diskuss ħafna fil-preżent u jolqot lil Malta u lil-Latvja. Id-diskussjoni dwar it-tibdil fil-klima, it-tkabbir tal-ekonomija u l-kummerċ.*

4. Tista’ tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fil-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta’ pajjiżna u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali f’dak il-pajjiż?

   *Niddikjara li qatt ma żort il-pajjiż tal-Latvja u niddikjara li m’għandi ebda rabtiet jew investimenti kummerċjali.*

5. Tista’ tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f’liema dipartiment/awtorità/entità?

   *Niddikjara li ma kontx impjegata mal-Istat Malti.*

7. Tista’ tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta’ Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f’dawn l-aħħar snin?

   *Niddikjara li kont prestajt servizzi legali bħala freelance fis-Segretarjat tal-Alex Muscat fiż-żmien li kien Segretarju Parlamentari.*

8. Tista’ tindika jekk kontx involut f’xi ħidma diplomatika preċedenti fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

   *Niddikjara li qatt ma kont involuta f’ħidma diplomatika preċedent fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.*

9. Tista’ tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta’ interess f’din il-ħatra tiegħek?

   *Niddikjara li ma għandi ebda kunflitt ta’ interess f’din il-ħatra.*

10. Tista’ tiddikjara jekk għandekx passaport ta’ pajjiż ieħor?

    *Niddikjara li qatt ma kelli passaport ta’ pajjiż ieħor.*